# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Colin Sheldon)

(Spettur Jonathon Ransley)

(Spettur Lara Butters)

Vs

Martin Vella

Seduta tad-Distrett tal-Imsida

Illum, 19 ta`Gunju, 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Martin Vella bin Emanuel u Josephine xebba Gauci Borda, imwieled fil-10/11/1965 u residenti 49, Richmond Court, Blk A, Flat 5, Triq l-Arznell, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita' numru 547765 M akkuzat talli fil-31/1/2013, ghal habta ta' bejn 3:13 pm u 3:38 pm f' dawn il-gzejjer,

1) Ingurjajt jew heddidt lil Jason Attard, jew jekk kont provokat, ingurjajtu b' mod li hrigt barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
2) Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni eletronika heddidt li taghmel xi reat jew ghamilt uzu iehor mhux xieraq bih;
3) Ikkagunajt biza lil Jason Attard li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tieghu.
4) Il-Qorti hija bir-rispett kollu mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Jason Attard, jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mall-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, turbot lil hati b' obligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus u dan skond l-Art. 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "*Il-Pulizija (Spettur Saviour Baldacchino) vs Martin Vella*" (Appell Nru. 68/2014) deciz fil-25 ta' Settembru 2018 il-Qorti tal-Appell iddecidiet billi *"laqghet l-appell ta' L-Avukat Generali u ghal dawn ir-ragunijiet qed thassar u tirrevoka s-sentenza u qed tibghat l-Atti lura lill-Qorti tal-Magistrati sabiex tisma' l-kaz mill-gdid*."

Semghet ix-xhieda ta' Jason Attard fis-seduta tat-2 ta' Ottubru, 2019 u fis-seduta tal-10 ta' Novembru, 2021; ta' Dr Katya Vassallo fis-seduta tas-7 ta' Lulju, 2021 li pprezentat Dok KV 1 u Dok KV 2; ta' Louis Buhagiar fis-seduta tas-7 ta' Lulju, 2021; ta' Charmaine Zammit fis-seduta tas-7 ta' Lulju, 2021 u fis-seduta tal-10 ta' Novembru, 2021; John Formosa fis-seduta tal-15 ta' Frar,2022. L-ispettur Jason Sultana fis-seduta tas-6 ta' Gunju, 2023. L-imputat Martin Vella xehed fis-seduta tal-29 ta' Novembru, 2023 u ipprezenta korrispondenza ma' Vodafone / Epic Dok MV, MV 1 bill summaries Dok MV 2 u Dok MV 3; ta' Margaret Brincat fis-seduta tad-29 ta' Novembru, 2023.

Rat li fis-seduta tal-26 ta' Ottubru, 2020 Dr Antoncich ghal imputat jitlob l-isfilz tar-relazzjoni ta' Dr Steven Farrugia Sacco peress li huwa avukat fl-istess ufficju ta' l-avukat tal-parte civile. Il-Qorti dekretat li fic-cirkostanzi u biex id-dritt ta' l-avukat ghal fair hearing ikun manifestament jigi segwit tahtar lil Dr Katya Vassallo sabiex taghmel it-transcripts ghac-CD kontenut fid-Dokument ABC li qieghed fl-ahhar faccata tal-inkarament ta' l-appell u tordna l-isfilz tat-traskrizzjoni ta' Dr Steven Farrugia Sacco.

Rat li fis-seduta tas-7 ta' Lulju, 2021 Dr Antoncich ghall-imputat awtorizza li tinstema x-xhieda ta' Dr Katya Vassallo fl-assenza tal-imputat.

Rat li fis-seduta tas-6 ta' Gunju, 2023 l-prosekuzzjoni u l-parte civile ghalqu l-provi;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tad-29 ta' Novembru, 2023 u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-artikoli 49(a)(b)(c) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-Art 339e, 251(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda, id-dokumenti u l-atti kollha.

Ikkunsidrat

Provi tal-prosekuzzjoni

**Jason Attard** xehed fis-seduta tal-2 ta' Ottubru 2019. Lil imputat Martin Vella jafu ghaliex kien impjegah biex jaghmillu xi xoghol u f' Gunju 2012 kien waqqaf is-servizzi tieghu. Jixhed li kien hemm proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat u f ' Dicembru 2012 kien waqqa l-kaz. Wara li waqqa l-kaz f' Jannar tas-sena elfejn u tlettax beda jircievi telefonati anonimi. Fil-31 ta' Jannar 2013 kien hemm telefonata anonima allarmanti li hu rikordja.

F' dawn it-telefonati intqal li "jaqtali skuzi gismi barra." Dan jirrizulta mir-recordings.

Fix-xhieda tieghu tal-10 ta' Novembru, 2021. L-imputat jaghraf lil imputat fl-awla.
Jixhed li kien installa App biex jirrikordja t-telefonati u rnexxielielu jirrikordja *"xi calls harassing u threatening hafna".* Wiehed minnhom 31st December iehor 1st February jekk niftakar sew 31st December.
Fl-1 ta' Frar kien tkellem mal-Ispettur mal-Jason Sultana. L-ispettur kienu tawh in-numru tal-mobile il-Vodafone Legal Office. Skont ix-xhud l-Ispettur kien cempel in-numru u kien irrisponda Martin.

Fuq kif gharaf l-imputat ix-xhud jirrispondi hekk:

> "Qorti: Inti gharaft il-persuna meta qallek dan il-kliem, gharaftu l-vuci?
>
> Xhud: Il-vuci tbiddel pero' gharaftu kemm il-vuci kemm mill-intonazzjoni u kemm il.

Qorti: Igifieri int gharaftu min kien li qed jghamillek dawn il-minacci?

Xhud: Martin Vella."

Mistoqsi in kontro-ezami, il-parte civile jghid li l-imputat kienet introducietu l-girlfriend tal-imputat, Margaret Brincat impjegata tieghu, li sussegwentement tkecciet mix-xoghol minnu u rebhet kumpens ta' € 10,000 ghal tkeccija ingursta.

L-istess imputat Martin Vella ghamillu ukoll kawza ghax ma thallasx ghas-servizzi professjonali u l-kawza hija pendent ghas-sentenza.

Mistoqsi fuq it-telefonati jirrispondi li kien jircievi telefonati minghajr numru jirrispondi li hlief ta' Martin ma kienx jircievi.

In-numru tat-telephone kienu gabuh il-pulziija wara li ghamel rapport

**Dr Katya Vassallo** xehedet fis-seduta tas-7 ta' Lulju, 2021. Tipprezenta CD jisimha 'Threats disk', provided by Jason Attard li hija traskriviet. Ic-CD gie mmarkat bhala Dok KV 1 u t-transcripts bhala Dok KV 2.

Mistoqsija mill-Qorti kif stabiliet li kien Martin Vella li ghamel it-telefonata tirrispondi li hi ma stabiliet xejn. Tghid li minghailha li kien hemm miktub fuq ic-CD. "U meta beda jitkellem fis-CD beda jghidlu "Martin", wiehed minnhom beda jghidlu "Martin", Martin u Jason kien jisimhom. Issa jiena ktibt skont li kien hemm."

Il-parti l-ohra ghamlet referenza ghal iehor bhala Martin u hu ma cahadx.

**Louis Buhagiar,** in rapprezentanza ta' Jobs Plus, xehed fis-seduta tas-7 ta' Lulju, 2021. Jipprezenta l-employment history minn Jobs Plus ta' Martin Vella (Dok LB).

**Charmaine Zammit,** in rapprezentanza ta' Epic Communications Ltd, xehedet fis-seduta tal-21 ta' Lulju, 2021. Murija dokumenti a fol. 8 sa fol. 16 tal-process tal-Qorti tal-Appell tikkonferma li l-kontenut taghhom hareg mill-ufficju.

Mistoqsija n-numru fil-call logs li jihder repetutament numru 99952660 lil min jappartjeni tirrispondi li ma hijiex f' pozizzjoni tirrispondi ghaliex ma gietx mitluba tipprovdi din l-informazzjoni.

Fis-seduta tal-10 ta' Novembru, 2021 wara li ghamlu l-verifiki fuq in-numru 99952660 tirrispondi li bejn Settembru, 2012 u Novembru, 2014 dan in-numru kien registrat fuq Network Publications Ltd. (Dok CBA).

**John Formosa** fis-seduta tal-15 ta' Frar, 2022. L-imputat, li qed jaghraf fl-awla kien jahdem mieghu mis-sena 2009 sa 2012/2013. Kien jahdem fl-editorjal tieghu tal-Malta Economical Updates.

Mistoqsi x' kien jinghata lil impjega

Pros: Meta impjegat jibda jahdem mal-kumpanija taghkom xi ittuh biex jahdem?

Xhud: Laptop u skond il-pusizzjoni tieghu sometimes we gave them a mobile phone.

Pros: U meta tghid posizzjoni xpposizzjoni iridu jkunu biex ikollhom mobile phone?

Xhud: Editor u editorial consultants.

. . . omissis . . .

Avukat: U filkaz ta Martin Vella xkien?

Xhud: Hu kien editor economic update."

Ix-xhud ma jistax jikkonferma jekk l-imputat kellux mobile tal-kumpanija jew le. Jispecifika ukoll li mhux kull editur kellu mobile tal-kumpanija.

"

<u>In kontro-ezami</u>

Martin Vella kien jahdem bhala editor economic update ma Network Publications LTD.

Mhux l-editors kollha kellhom mobile. Ma ghandux records ta' x' numri tal-mobile kellhom l-impjegati.

**<u>Jason Francis Sultana,</u>** xehed fis-seduta tas-6 ta' Gunju, 2023. Fis-sena 2013 kien fil-grad ta' Spettur u kien stazzjonat l-ghassa ta' Tas-Sliema. Jixhed li ma jiftakarx id-dettalji tal-kaz. Jaghraf kemm lil parte civile u l-imputat fl-awla.

In Kontro-ezami jirrispondi

Avu2: Ara sur Sultana tiftakar jekk kontx baghatt ghall-Martin Vella?

Xhud: Is-sur Vella qed narfu kienu gew l-ghassa it-2 li huma kienu gew ikellmuni kemm is-sur Attard u kemm is-sur Vella u kienet giet anki mieghu l-ghassa il-partner tas-sur Vella ghax kellha ukoll jekk mhux sejjer zball hi fuq xi industrial claim ohra l-ex employer taghha kontra Jason Attard jekk niftakar sew pero jekk kontx hadt xi statements onestament kwazi ghaddew xi 9 snin jekk nara xi file forsi inkun f̀posizzjoni imma ma niftakarx jekk kontx dhalt fil-kaz.

Avu2: Ara jekk nghidlek illi il-partner ta`Martin Vella jisimha Margaret Brincat?

Xhud: Iva Margret Brincat."

Mistoqsi jekk jiftakarx

Avu2: Jekk nghidlek illi inti fix-xoghol tieghek dehrlek li ma kienx kaz ghandu jitressaq il-Qorti u stqarrejt dan fil-presenza taghhom li ma kienx hemm kaz kriminali?

Xhud: Fil-konfront taghhom jista jkun ghalekk daqxejn sorpriz kif inhargu ic-charges kontra is-sur Martin u Margaret jien jekk qed niftakar tajjeb dejjem jekk niftakar tajjeb kont ghaddejt il-file lis-surgent ghax kien dehrli li ma kellix nidhol fiha jien u anki kont ghedtilhom biex johorgu ic-charges kontra is-sur Jason Attard u mhux kontra Martin u Margaret ghax jien kont baghatt ghalihom ma nafx min kine gie l-ewwel hux Jason jew Martin jew Margarte imma kont kellimthom it-3 li huma u i could stand to be corrected imma f ġhajnejja dehri li l-akkuzat u l-partner tieghu kienu l-vittmi mhux other the way round dejjem jekk niftakar tajjeb."

Provi Difiza

**Martin Vella,** l-imputat xehed fis-seduta tal-29 ta' Novembru, 2023. Lis-sur Jason Attard jafu għaliex kien ingaġġah jaħdem miegħu bħala *freelance* u *content writer* mal-kumpanija li kellu. Kien jahdem mieghu bejn 2010 u 2011.

Kienet tahdem ukoll Margaret Brincat fl-istess perijodu, imbghad keccieha u rebhet kawza quddiem it-Tribunal Industrijali. Lilu keccieh ukol ghaliex kellu xi jghid mieghu.

Sussegwentement beda' jahdem man-Network Publications fejn kien editor tal-Economic Update u kien ukoll sub editor tas-Sunday Circle.

Jixhed li ma kellux mobile tal-kumpanija u kien juzaha l-mobile tieghu personali . Dan huwa konfermat mid-dikjarazzjoni ta' Vodafone u Epic (Dok MV, MV1, MV 2, MV 3 u MV 4).

Fuq il-kaz jghid li l-Ispettur Jason Sultana kien cempilhom fi Frar tas-sena 2011 jew 2012 u qalilhom li ried ikellimhom urgentement. Qalilhom li Jason Attard kien qed jakkużahom, li saru xi telefonati anonimi li ilu mill-mowbajl tiegħu. Hu cahad kategorikament la dakinhar illi saru xi telefonati la lil Jason u la lil Jason u la lil ħaddieħor anonimi. L-ispettur staqsiehhom fejn kienu l-gurnata ta' qabel fil-hin li saru t-telefonati anonimi u tawh spjegazzjoni. Kien talabhom il-mobile taghhom sabiex

jaghmel xi testijiet fuqhom. L-ghada l-Ispettur bghat ghaliehom u qalilhom li mit-testijiet li saru ma rrizulta li saru ebda' telefonati anonimi fuqhom u li ma huwiex ser johdilhom statement.

Jichad li ghamel l-allegata telefonata.

Zmien wara jircievi citazzjoni biex jitla' l-Qorti, mill-ghassa tal-Msida. Dak iz-zmien kienu imharrkin quddiem il-Magistrat Peralta.

In kontro-ezami jirrispondi li ma kellux mobile provdut mill-employer tieghu ta' dak iz-zmien Network Publications. U n-numru 99952660 ma jdoqqlu imkien.

Mistoqsi dwar ir-recording li gie ipprezentat mill-parte civile jirrispondi

"Avu2: Jason Attard għaraf il-lehen tieghek inti kont dak fir-recording dak lehnek?

Xhud: Le dan ma kienx lehni assolutament u lanqas lil il-pulizija la ghajtuli biex jieħdu statement tal-Imsida u lanqas biex jagħmlu voice test l-ewwel ma misshom għamlu voice test fuqu dak ħa jaraw ta' min hu l-vuċi."

**Margaret Brincat**, xehedet fis-seduta tad-29 ta' Novembru, 2023. Lil parte civile, Jason Attard tafu ghaliex kienet ghamlet xi zmien tahdem mieghu gewwa Effective Marketing. Kienet giet imkeccija intortament minn mal-kumpanija u rebhet il-kawza fit-Tribunal Industrijali.

Martin Vella, li huwa l-partner taghha anki' fin-negozju u kien jahdem ukoll mal-kumpanija ta' Jason Attard Effective Marketing. Hi u Martin Vella gew imkeccija mix-xoghol fl-istess gimgha. Wara bdew jahdmu t-tnejn li huma ma Network Publications.

Martin Vella kien juza l-mobile personali tieghu u mhux il-mobile tal-kumpanija. Kienu marru t-tnejn li huma l-ghassa ta' Tas-Sliema ghaliex kienu gew imsejhin mill-Spettur.

L-ispettur kellimhom it-tnejn separatament. Talabhom il-mobile phones taghhom u l-ghada gew ritornati lilhom wara li saru xi testijiet fuqhom.

Tixhed li meta kienet tahdem mal-kumpanija ta' Jason Attard Effective Marketing gieli rcieva xi telefonati anonimi.

Huma kienu marru l-ghassa ta' Sliema jew San Giljan u c-charges hargu mill-ghassa tal-Msida. L-ispettur kien qalilhom li ma hemmx kaz.

Mistoqsija dwar l-allegata telefonata tirrispondi

"Avu: Issa l-allegata telefonata saret fil-31 ta' Jannar, 2013, 10 snin ilu bejn 3.13 and 3.38 wara nofs in-nhar dakinhar fejn kontu intom dakinhar tal-allegata telefonata?

Xhud: Konna qeghdin il-Belt morna l-Manoel Theatre konna qegħdin nipprovaw il-kostumi tal-karnival."

Kienet mal-imputat Martin Vella ghax kienu t-tnejn bil-leave.

In kontro-ezami tirrispondi li Number 99952660 ma taghrfux u li Martin dejjem uza it-telephone tieghu personali meta kienu jahdmu Network Publications.

Ikkunsidrat,

Il-kawza tittratta telefonati anonimi li gew rekordjati mill-*parte civile* liema telefonati kienu saru minn numru tat-telephone cellulari registrat fuq Network Publication nru. 99952660.

Illi l-proceduri huma ta' natura penali u fil-kamp penali u apparti li minn jallega irid jipprova, l-livell ta' prova li trid tilħaq id-difiża hija dik tal-probabbli, filwaqt li l-livell tal-Prosekuzzjoni hija livell għola u cioe' 'l hinn kull dubju dettat mir-raġuni.

Mill-provi prodotti [xhud Chamaine Zammit, rapprezentanza ta' Epic Communications] jirrizulta li n-numru tal-mobile li minn fuqu saru t-telefonati kienu registrati fuq isem Network Publications fiz-zmien relevanti.

L-imputat kien impjegat ta' Network Publications f' dak iz-zmien. Madanakollu ma giex ipprovat li dak in-numru tat-telefone cellulari kien jintuza mill-imputat. Mhux talli kien hemm ic-cahda kategorika tal-imputat li qatt kellu mobile tal-kumpanija, ukoll minn imkien ma hemm record n-numru kien jintuza minnu.

Inoltre, John Formosa sid Network Publications l-anqas seta' addiritura jikkonferma li l-imputat kellu uzu ta' telefone cellulari fornit mill-kumpanija fiz-zmien meta kien impjegat mieghu.

Mill-banda l-ohra l-parte civile qed istrieh fuq ix-xhieda tieghu meta jghid li gharaf l-vuci li qed tigi riprodotta hawn

> "Qorti: Inti gharaft il-persuna meta qallek dan il-kliem, gharaftu l-vuci?
>
> Xhud: Il-vuci tbiddel pero' gharaftu kemm il-vuci kemm mill-intonazzjoni u kemm il."

Apparti l-fatt li din ma hijiex prova li tmur lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, anki' fir-risposta tieghu huwa jghid li "l-vuci tbiddel" u ghalhekk l-anqas hu ma kien kategoriku fir-risposta tieghu. Mill-provi prodotti ma jirrizultaw provi certi u konkordanti li t-telefonata saret mill-imputat.

Fic-cirkostanzi l-Qorti ma tħossx li l-Prosekuzzjoni laħqet il-livell mistenni minnha 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Minn naħa l-ohra, l-Qorti temmen illi d-difiża laħqet il-livell tal-prova mistenni minnha u cioe' dak tal-probabbli stante li l-verżjoni tal-imputat hija verosimili u ghalhekk ġġustifikata.

**Decide**

Ghadaqstant l-Qorti wara li r-rat l-artikoli -artikoli 49(a)(b)(c) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-Art 339e, 251(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputat Martin Vella mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tilliberah minn kull piena u htija.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**